Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 84/2018

Il-Pulizija

Vs

Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan

Illum 5 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan detenur tal-karta tal-identita Maltija 49044 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn l-1 ta' Marzu w 21 ta' Gunju, 2017, gewwa l-Gzejjer Maltin, b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Brenda Farrugia, is-somma ta' 400 ewro fix-xahar, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu w / jew uliedu martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li inghatat lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u cioe dik tal-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta' Frar 2018, bill tillibera lill-appellant minn l-imputazzjoni migjuba kontrih u dan ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi unici u sopracitati; jew

F' kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti li sabet htija pero' thassarha f' dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena ta' xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

**L-Ewwel Aggravju: L-impossibilita' ghall-hlas tal-manteniment**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti; u cioe illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b' mod ragonevoli tasal ghall-sejbien ta' htija u tikkundanna lill-appellant, stante li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment lis-siehba tieghu. Dan ghaliex kif kienet taf ben tajjeb l-ewwel Qorti, dan kien jinsab ikkarcerat u ma setax jahdem. Illi kif irrizulta mill-provi prodotti quddiem l-Onorabbli l-Ewwel Qorti, l-appellant jinsab ghaddej minn perjodu ikrah, karatterizzat minn diversi problem finazjarji, problem ta' sahha, l-aktar psikjattrici u anke problem familjari, li ilhom ghaddejjin tul dawn l-ahhar disa' snin. Di piu huwa sar jaf li wahda mit-tfal ma hijiex tieghu.

Illi fil-fatt l-appellant anke xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti , fejn gharraf lill-Qorti tal-Magistrati li huwa naqas milli jaghti manteniment lill-parte civile mhux kapricciosament izda minhabba impossibilita' fic-cirkostanzi. Tant il qaghda finanzjarja tieghu hija wahda prekarja, li l-appellant llum il-gurnata anqas ma ghandu biex jixtri / jaghmel ix-xirja tal-habs konsistenti f' ilma tax-xorb, u anke llum ma ghandux karta tal-identita Maltija, u dan wara diversi rapport li ghamlet is-siehba tieghu.

Illi kif gia gie accenat iktar il-fuq, l-esponenti ibati minn depression, li filfatt qed jigi kurata permezz ta' diversi medicinali, u di piu, anke ibati minn hypertension, u kif ukoll minn diversi kundizzjonijiet ohra, liema kondizzjonijiet kienu certifikati mit-tabib psikjatra Dr. Spiteri, taht liema kura jinsab l-esponenti. Fil-fatt huwa qed jinzamm fit-taqsima forensika tal-isptar Monte Carmeli u recentament qatta lillu nnifsu b' xafra.

**It-Tieni Aggravju: Il-piena inflitta minn l-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti u cioe, illi l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda eccessiva, tenut kont l-ewwel net tal-fatt li li l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemperax ruhu mal-ordni tal-Qorti imma minhabba r-ragunijiet sopracitati u kif ukoll, ic-cirkostanti kollha li fihom sab ruhu l-esponenti..

Illi l-esponenti umilment jirrileva illi kif kostantement ribadut minn din l-Onorabbli Qorti anke diversament preseduta, l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti b' mod kapriccuz sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. (Vide Il-Pulizija versus Publius Said 2003).

Illi ghalhekk huwa car li kif intqal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni f' din id-disposizzjoni ma kienx dak retributtiv izda biss li jaghti pressjoni fuq persuni li ma jkunux hallsu l- manteniment sabiex ihallsu dak stipulat. Illi fil-kaz odjern l-appellant umilment jissottometti li m' ghandux jinghata piena karcerarja effettiva u li m' hiex gusta fil-konfront tieghu tenut kont tac-cirkostanzi imwergha tieghu, meta il-hsieb tal-legislatur ma kienx li din il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338z tal-Kap 9 tkun mizura drakonjana punittiva. Ghalhekk il-piena ta' xahar prigunerija kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil- kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tant accettat u accenat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Dan jaghmel aktar sens meta wiehed jezamina l-hajja tal-appellant u l-fatt li jinsab kkarcerat u kull darba li jkun ser johrog jerga jigi nfitt piena kkarcerarja u dan b' mod repettut u bl-ghan li qatt ma jkollu cans li jottempra ruhhu u jkollu liberta u l-possibilita li jahdem.

Illi di piu, l-appellant umilment jirrileva illi bosta drabi l-Qrati Nostrali sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha mezz riformattiv fl-imputat a skapitu tal-mezz tad-deterrent fil-piena. Fil-fatt fis- sentenza il-Pulizija vs Stephen Spiteri mgohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit- tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva. Illi filfatt, titwila superficjali lejn il-gurisprudenza domestika, ukoll tindika li anke persuni li sahansitra kienu recidivi, wkoll nghataw opportunita ohra, permezz ta' pieni ridotti, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil- perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Illi għalhekk, fl-umli fehma tal-appellant, fl-eventwalita' li l-din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-esponenti u tikkonferma il-ħtija da parti tiegħu, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkundanah għall-forom oħra ta' pieni anqas drakonjani.

Ikkunsidrat,

Semgħet lil **Brenda Farrugia** tixhed fis-seduta tal-4 ta' Settembru, 2018, u tgħid li l-appellant hu missier it-tlett itfal minuri tagħha. Spjegat li uliedha għandhom tmintax-il sena, tmien snin u ħames snin u lkoll kemm huma għadhom jistudjaw inkluż il-wild Angelica li għandha tmintax-il sena u hija studenta l-MCAST. Spjegat pero' li t-tifla iż-żgħira tagħha hija registrata f'isimha b'*unknown father* u għalhekk l-appellant m'għandu l-ebda obbligu legali lejha.

Ix-xhud esebiet kopja legali tad-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Ottubru 2016. Minn esami ta' l-istess jirriżulta li in effetti l-appellant ġie ordnat iħallas lill-kwerelanti Brenda Farrugia s-somma ta erba' mitt euro (€400) għaż-żewġ ulied oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni.

Illi l-kwerelanti kkonfemat illi minn mindu ingħata dan id-digriet l-appellant qatt ma ħallasha. Mistoqsija jekk tafx li l-appellant jinsab il-ħabs wieġbet fl-affermattiv u mistoqsija jekk l-appellant intavolax xi proċeduri ċivili quddiem il-Qorti Prim' Awla Ċivil sabiex jattakka d-digriet fuq imsemmi tgħid li ma tafx iżda kkonferrat li hija irċeviet biss żewġ notifiki mill-Qorti sabiex tixhed iquddiem din il-Qorti bħala xhud tal-prosekuzzjoni.

Illi l-appellant kif kellu kull dritt li jagħmel ma xehdx quddiem l-ewwel Qorti u konsegwentement lanqas quddiem din il-Qorti.

Jidher għalhekk il l-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-kwerelanti qatt ma ġew kontestati. L-appellant tramite l-appell tiegħu jgħid li huwa jinsab fl-impossibiltá li jħallas il-manteniment dovut minnu skond id-digriet tal-Qorti, għaliex jinsab residenti l-ħabs fit-taqsima forensika ta' l-isptar Monte Carmeli u dan għaliex riċentement qatta lilu innifsu b'xafra. L-avukat difensur tiegħu fir-rikors tal-appell stqarr ukoll, iżda prova dwar dan fil-process ma hemmx, li l-appellant jinsab taħt kura medika u saħansitra psikjatrika u għaddej minn problemi kbar f'ħajtu kemm dawk finanzjajari kif ukoll psikjatriċi u familjari.

Rat il-fedina penali tieghu esbita fl-atti, u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-apellant ghandu fedina penali pjuttost kulurita' fejn instab hati ta' reati dwar hsara volontarja, attakk u rezistenza fuq ufficcjali pubblici, theddid u ingurji fil-konfront ta' ufficcjali pubbici, serq, kif ukoll ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq terzi persuni fosthom ufficcjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijietihom.

Rat ukoll li skond il-fedina penali tieghu, l-appellant diga' nstab hati ta' kontravenzjoni identika bhal dik ta' illum u cioe' li naqas li jmantni lil Brenda Farrugia u ighaddi l- manteniment dovut lilha ghall-uliedu minuri. Huwa gia nghata diversi pieni fosthom dawk ta' prigunerija u sentenzi sospizi u cio' nonnostante donnu ma tghallimx mil-esperjenzi negattivi tieghu tant li rega' kiser duffrejgh mal-ligi.

Rat illi l-appellant kien gja irregistra ammissjoni ghal akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u cioe' ghall-kontavenzjoni kontinwat ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment u ghalhekk din il-Qorti m' ghandhiex ghalfejn tidhol u tiddiksuti il-mertu tal-kontravenzjoni u sejra tillimita ruhha biss dwar jekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienitx idoneja jew le, jew ahjar jekk taqax fil-parametri tal-ligi .

Il-kontravenzjoni moghtija mil-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant hija dik naxxenti mill-artikolu 338( z) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi is-segwenti:-

"*meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-sommaffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma*:

ommissis…

"*Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn."*

L-appellant gie wkoll akkuzat bid-disposizjoni tal-artikolu 18 kif hawn dispost:-

*"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi"*

Ghalhekk l-ewwel Qorti in vista tal-ammissjoni tal-appellant stess kellha kull dritt li izid il-piena b'grad jew tnejn u ghalhekk il-piena inflitta ta' xaghrejn prigunerija taqa' fil-parametri tal-ligi.

Dwar il-kwistjoni sollevata mill-appellant fir-rikors ta l-appell tieghu u cioe' dik ta' '*nemo tenetur ad impossiblilia* 'din il-Qorti ma tarax il-htiega li telabora fuqha stante l-ammissjoni registrata mill-appellanti seduta stante nhar id-19 ta Frar, 2018.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ <u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat[1]</u> l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti <u>jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi[2]</u> u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **<u>Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio</u>**[3], **<u>Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia[4] u Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina[5]</u>.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard[6]</u>** mogħtija

[1] Deciza fil-15 ta' Frar, 2012 (255/2011)
[2] Sottolinear u enfasi tal-esponent.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[6] Deciza fis-26 ta' Jannar 2001

mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,[7] jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****."[8]*

Ghaldaqstant in vista ta' suespost din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar id-19 ta Frar 2018.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[7] Sottolinear tal-esponent.
[8] Sottolinear / enfasi tal-esponent.